MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 824/2006

**Dr. Philip Manduca (*ID Card no* 339960 (M)) kif debitament awtorizzat sabiex jirrapprezenta lil Comite Interprofessionnel du Vin de Champagne.**

**vs**

**Cervos Enterprises Ltd. u l-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Philip Manduca *nomine* datat 7 ta’ Settembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne (CIVC) huwa istitut mwaqqaf mil-ligi ta' Franza u vestit bl-awtorita` sabiex jirrapresenta l-interessi tal-produtturi ta' Champagne u Champagne ‘*houses*’.

Wiehed mill-ghanijiet ewlieni ta’ CIVC huwa biex jipprotegi l-Champagne Appellation kontra uzu hazin, illegali jew mhux awtorizzat tal-kelma fi Franza u barra minn Franza.

Illi l-esponent gie appuntat bhala mandatarju specjali tal-*Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne* (Dok.“A”).

Illi CHAMPAGNE huwa “*appellation d’orgine contrȏlée*” Franciz [*controlled appellation of origin*] liema “*appellation*” jirreferi biss ghal inbid “*sparkling*” prodott f’regjun ristrett fil-“*Champagne district of France*” taht kundizzjonijiet specifici u regulati. L-inbejjed CHAMPAGNE huma maghrufin ghal karateristici unici liema karateristici joriginaw mill-fatturi ta’ klima, hamrija “*chalky and flinty*” fir-regjun ta’ champagne u metodi tradizzjonali u teknika uzata minn produtturi ta’ CHAMPAGNE ghal sekoli shah.

L-isem CHAMPAGNE u l-“*Appellation of Orgin*” ilu uzat, registrat u protett minn CIVC madwar id-dinja kollha ghal l-ahhar sittin sena ‘n konnessjoni ma' inbejjed ta' xampanja. Bhala rizultat ta' dan l-isem CHAMPAGNE sar wiehed mill-ismijiet u *Appellations of Origin* l-iktar maghrufin fid-dinja llum.

Illi CHAMPAGNE saret simbolu ta' kwalita` li konsumaturi madwar id-dinja kollha jassocjaw ma’ l-inbid "*sparkling*" li jigi mir-regjun. Kull meta l-konsumaturi jharsu lejn l-isem CHAMPAGNE u "*Appellation of Origin*", huma jikkonkludu li tali isem jew *mark* irid bil-fors ikun assocjat b'xi mod ma' CIVC.

Illi fl-1 ta' April 2006 il-Kontrollur tal-Propjeta` Industrijali accetta r-registrazzjoni tal-kelma "CHAMPAGNER" wara talba mis-socjeta` Cervos Enterprises Ltd. (Dok. “B”) ghal registrazzjoni.

Illi l-kontrollur qatt ma missu accetta dan it-*trademark* billi tali *trademark* jinganna jew jista' jinganna l-pubbliku ‘n

konnessjoni mal-kwalita` jew origini geografiku jew natura tal-prodotti jew servizzi.

Iktar minn hekk in konnessjoni ma' tali *trademark* jezisti l-probabbilta` ta' konfuzjoni da parti tal-pubbliku 'n konnessjoni ma' probabbilta` ta' assocjazzjoni min-naha tal-pubbliku ghal *trademarks* registrati qabel.

Illi r-registrazzjoni tat-*trademark* Champagner huwa vjolazzjoni tat-*Trade Aspects of Intellectual Property Rights (TRIPS), Regulation* 1493/99 in konnessjoni ma' l-organizazzjoni komuni ta' negozju ta' l-inbejjed partikolarment in konnessjoni mal-protezzjoni ta' l-origini geografici ta' l-inbejjed *Regulation* 2081/92 in konnessjoni ma' indikazzjonijiet geografici.

A bazi tal-**Kap 416** tal-ligijiet ta' Malta *Trademark no*. 44622 ghandu jigi ddikjarat invalidu.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata sabiex tieqaf milli tipprova tuza jew tirregistra l-kelma CHAMPAGNER izda baqghet inadempjenti u talbet ir-registrazzjoni ta' l-istess.

Illi ghalhekk l-istess attur *nomine* talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Li *trademark* numru 44622, il-kelma "CHAMPAGNER" f'isem is-socjeta` konvenuta jigi ddikjarat mhux validu skond il-ligi billi hija vjolazzjoni tal-**Kap 416** tal-Ligijiet ta' Malta; vjolazzjoni tal-*European Community Regulation 40/94* u *European Community Regulations 1493/99 and 2081/92* u vjolazzjoni ta' *Trade Aspects of Intellectual Property Rights (Trips) Agreements* billi huwa jinganna jew jista' jinganna l-pubbliku 'n konnessjoni mal-kwalita` jew origini geografiku jew natura tal-prodotti jew servizzi u 'n konnessjoni ma' tali *trademark* jezisti l-probabbilta` ta' konfuzjoni da parti tal-pubbliku 'n konnessjoni ma probabbilta` ta' assocjazzjoni min-naha tal-pubbliku ghal *trademarks* registrati qabel.

2. Tordna konsegwentement il-konvenut Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali biex inehhi, jikkancella u jhassar kull registrazzjoni ta' l-imsemmija *trademark* u kull certifikat relattiv li nhareg dwar dik ir-registrazzjoni.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti u b'riserva ghal azzjoni ta' danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2007.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici. Il-kawza giet kancellata.

Rat ir-rikors ta' Dr. Philip Manduca *nomine* datata 18 ta' Jannar 2007 (fol. 13) fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghal seduta ohra sabiex din tigi trattata u deciza skond il-ligi; u l-Qorti ordnat qabel xejn lill-attur *nomine* biex fi zmien ghaxart ijiem (10) jiddikjara b'nota ta' xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*.

Rat li s-socjeta' intimata Cevros Enterprises Limited giet notifikata skond ma jirrizulta min-nota ta' dokumenti esebiti mir-Registratur tal-Qrati Civili datata 9 ta' Marzu 2007, u fil-fatt hemm dikjarazzjoni li dan sar fit-12 ta' Frar 2007 u minkejja dan l-istess socjeta' intimata konvenuta la pprezentat nota guramentata responsiva u lanqas dehret fil-kawza u b'hekk baqghet kontumaci.

Rat in-nota ta' l-attur datata 5 ta' Frar (fol. 22) li biha esebixxa l-affidavit ta' Charles Goemaere u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh b'dan li nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tiffissa seduta ghall-konkluzjoni provi atturi ghas-7 ta' Marzu 2007.

Rat in-nota ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli a fol. 58 tal-process.

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tal-Proprejta` Industrijali datata 14 ta’ Gunju 2007 a fol. 68 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-prezenza ta’ l-esponent hija mehtiega biss ghall-integrita` tal-gudizzju, u ghalhekk huwa jirremetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba attrici salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi.

2. Illi ghal kull *buon fini*, l-esponent jirrileva li l-fatti tal-kaz fil-qosor, kif jifhom hu, huma s-segwenti:

i) Fis-16 ta’ Dicembru 2005 Dottor Maria Chetcuti Cauchi f’isem is-socjeta` applikat biex tirregistra l-marka ‘Champagner’ ghal servizzi li jaqghu taht il-Klassifika Internazzjonali 35, liema Klassifika tirrigwarda *advertising*; *business management; business administration* u *office functions*;

ii) Illi saret tfittxija fir-registru tal-proprejta` ndustrijali ghar-rigward tal-Klassi 35, izda ma nstabet ebda registrazzjoni ta’ xi marka simili. Ghaldaqstant, il-marka in kwistjoni giet registrata kif mitlub fl-4 ta’ Jannar 2006 minghajr kundizzjoni.

3. Illi l-esponent m’ ghandux ibati spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali a fol. 68 u 69 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti nkluza dik tas-26 ta’ Gunju 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-entita’ Comite’ Interprofessional du Vin de Champagne (CIVC) li huwa l-istitut mwaqqaf minn Ligi fi Franza sabiex jipproteggi l-interessi tal-produtturi ta’ Champagne u Champagne Houses qed jitlob li r-registrazzjoni tat-trademark “CHAMPAGNER” mis-socjeta’ intimata konvenuta mal-Kontrollur tal-Dwana ghandha tigi kkancellata u dan peress li tali *trademark* qed tohloq konfuzzjoni mal-kelma Champagne, li hija *controlled appelation of origin*, tant li l-istess kelma hija maghrufa internazzjonalment li tirreferi ghall-inbid *sparkling* li huwa prodott fir-regjun tax-*Champagne district of France*, u b’hekk l-istess kelma llum hija rikonoxxuta bhala ndikazzjoni ta’ kwalita’ u iktar u iktar ta’ l-origini geografiku tal-prodott jew servizz, u b’hekk ir-registrazzjoni ta’ l-istess kelma “CHAMPAGNER” anke jekk in konnessjoni ma prodotti ohra qed tinganna jew tista’ tinganna lill-pubbliku in konnessjoni kemm mal-kwalita’ u ma’ l-origini geografika tal-prodott u b’hekk hemm il-probabbilta’ ta’ konfuzzjoni da parti tal-pubbliku wkoll in konnessjoni ma’ assocjazzjoni ghall-prodotti protteti nkluzi dawk ta’ l-entita’ attrici, peress li l-istess kelma Champagne hija proprjeta’ taghha u protetta bhala tali minhabba li hija demostrattiva ta’ indikazzjonijiet geografici u denominazzjoni ta’ origini ta’ prodott ukoll protett taht regolament maghruf bhala *Trade Aspects of Intellectual Property Rights (Trips) Regulation* 1439/99 u dan in konnessjoni ma’ l-organizzazzjoni komuni ta’ negozju tal-imbejjed parikolari u wkoll tali registrazzjoni tmur kontra l-protezzjoni moghtija lill-marki ta’ origini geografici u ndikazzjoni geografici nkluzi denominazzjoni ta’ origini skond ir-regolament 2081/92.

Illi fil-fatt ghall-iskop ta’ l-ahhar imsemmi regolament fl-artikolu 2 ta’ l-istess jinghad li denominazzjoni ta’ origini tfisser isem ta’ regjun, post specifiku, jew f’kazijiet

eccezzjonali, pajjizi wzati sabiex jiddeskrivu prodott agrikolu jew ta’ l-ikel.

Illi l-provi attrici dwar l-uzu ta’ l-istess kelma “Champagne” ghall-prodott ta’ l-inbid *sparking* gej mill-istess regjun ta’ Champagne gjo Franza ma huma bl-ebda mod kontradetti u ma hemm l-ebda dubju li tali marka tar-regjun indikat assumiet internazzjonalment denominazzjoni ta’ origini ta’ l-istess prodott, tant li din il-Qorti thoss li f’dawn ic-cirkostanzi gie ppruvat mis-socjeta’ attrici li r-registrazzjoni tal-kelma “CHAMPAGNER” mis-socjeta’ intimata hija tax-xorta li kapaci tqarraq bil-pubbliku jew x’aktarx tqarraq bil-pubbliku u partikolarment dwar il-kwalita’ jew dak li l-**artikolu 4 (3) (b) tal-Kap 414** jirreferi bhala *“origini geografika ta’ l-oggetti jew tas-servizz ......”.*

Illi dwar dan kollu hemm ix-xhieda ta’ l-attur fir-rikors guramentat u wkoll l-affidavit ta’ Charles Goemaere ghan-nom ta’ l-entita’ attrici fejn ikkonferma li l-kelma “Champagne” hija marka li tindika l-origini ta’ l-istess prodott *(“controlled appellation of origin”* jew *“appellation d’origine controlee”*) u dan b’riferiment ghall-inbid ‘sparkling’ li huwa prodott fir-regjun ta’ Champagne fi Franza u dan taht kundizzjonijiet specifici, b’dan li l-istess kelma llum assumiet internazzjonalment indikazzjoni ta’ inbid hekk prodott mill-istess regjun appartenenti lil min ikabbar id-dwieli, minn jaghmel l-inbid, produtturi ta’ l-istess, bdiewa u kummercjanti ta’ l-istess regjun, tant li l-istess entita’ twaqqfet taht il-ligi Franciza tat-12 ta’ April 1941 (fol. 26 et sequitur) sabiex ma thalliex li l-istess kelma tigi uzata minn haddiehor b’dannu ghall-produtturi u l-persuni ndikati imsemmi fl-artikolu 1 ta’ l-istess att legistlattiv, liema persuni kollha joperaw mill-istess regjun.

Illi mhux hekk biss izda skond id-disposizzjonijiet tal-*European Community Regulation 40/94 of the 20th December 2003 on the Community Trade Mark* u partikolarment **artikolu 7 (1)** ta’ l-istess jinghad li ma jistghux jigu registrati bhala tali:-

*“(g) trademarks which are of such a nature as to deceive the public, for instance as to the nature, quality or geographical origin of the goods or service”*

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni li tal-eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana u in partikolari fejn jinghad li tali marka hemm indikata u suggett ta’ din l-azzjoni kienet tirreferi ghall-*advertising, business management, business administration u office functions,* u cjoe’ servizzi li jaqghu taht il-Klassifika Internazzjonali 35, izda din il-Qorti thoss li *stante* li l-marka “Champagne” hija marka ta’ denominazzjoni ta’ origini tal-prodott, xorta wahda tezisti il-possibilita’ rejali li l-marka “Champagner” tohloq konfuzzjoni fil-pubbliku fir-rigward tal-kwalita’ ta’ servizz u prodott u fuq kollox fuq l-origini ta’ l-istess a dannu ta’ l-entita’ attrici u dan iktar u iktar wara li jirrizulta li l-marka *“Champagne”* illum assumiet internazzjonalment, inkluz Malta, denominazzjoni ta’ origini ta’ l-istess prodott. B’hekk ma hemm ebda dubju li dan ikun ta’ dannu ghall-entita’ attrici bhala l-entita’ awtorizzata sabiex tipproteggi tali marka ta’ denominazzjoni ta’ origini appartenenti lill-persuni ta’ l-istess regjun indikati fl-atti ta’ din il-kawza u wkoll f’din id-decizjoni.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti hadet konjizzjoni tad-Dok. “PM” fejn is-socjeta’ intimata ndikat lis-socjeta’ attrici li hija ma kellhiex bzonn l-istess *trademark* u ma kenitx ser tikkontesta din il-kawza u li l-istess marka qatt ma kienet uzata minnha.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta’ intimata Cervos Enterprises Limited, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tal-Proprjeta’ Industrijali kontenuti fir-risposta guramentata datata 14 ta’ Jannar 2007 in kwantu l-istess huma b’xi mod inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li r-registrazzjoni tat-*trademark* numru 44622, konsistenti fil-kelma "CHAMPAGNER" u dan ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Cervos Enterprises Ltd ma hijiex valida u saret kontra il-ligi billi r-registrazzjoni ta' l-istess hija in vjolazzjoni tal-**Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta**, tal-*European Community Regulation 40/94* u *European Community Regulations 1493/99 and 2081/92* u tat-*Trade Aspects of Intellectual Property Rights (Trips) Agreements* billi din tinganna jew tista' jinganna l-pubbliku 'n konnessjoni mal-kwalita` jew origini geografiku jew natura tal-prodotti jew servizzi u 'n konnessjoni ma' tali *trademark* jezisti l-probabbilta` ta' konfuzjoni da parti tal-pubbliku 'n konnessjoni ma probabbilta` ta' assocjazzjoni min-naha tal-pubbliku ghal *trademarks* registrati qabel.

2. Tordna konsegwentement il-konvenut Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali biex inehhi, jikkancella u jhassar kull registrazzjoni ta' l-imsemmija *trademark* u kull certifikat relattiv li nhareg dwar dik ir-registrazzjoni.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata u konvenuta Cervos Enterprises Ltd.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------